8 ta' Awwissu 2015
89/2015

# VERŻJONI ĠDIDA TAL-APP 'MALTA MASS'

AKTAR MINN 13,500 DOWNLOAD

Il-Knisja f'Malta, permezz tal-Uffiċċju Komunikazzjoni, nediet verżjoni ġdida u aġġornata tal-*mobile phone application* 'Malta Mass'. Din l-*app* tagħmilha faċli għall-pubbliku biex isib il-ħinijiet tal-Quddies fil-ġranet ta' matul il-ġimgħa u fil-Ħdud u l-festi, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. L-*app* tipprovdi l-faċilità li persuna tfittex Quddiesa fl-eqreb knisja jew f'lokalità u f'ħin skont il-preferenza tagħha, u informazzjoni dwar il-lingwa li biha ser tiġi ċċelebrata l-Quddiesa. Il-verżjoni l-ġdida tal-*app* tinkludi wkoll il-post u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-kappelli tal-adorazzjoni, l-Evanġelu tal-jum u riflessjoni dwar l-Evanġelu, kif ukoll aħbarijiet li jittellgħu fuq is-sit uffiċjali tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org.

L-*app* tinkludi l-ħinijiet ta' aktar minn 4,600 Quddiesa fil-ġimgħa, fi 360 knisja jew kappella fejn isir Quddies b'mod regolari, f'70 parroċċa f'Malta u 14-il parroċċa f'Għawdex. Tinkludi wkoll l-informazzjoni ta' 57 kappella tal-adorazzjoni li hawn f'Malta.

L-*app* tnediet għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali fl-2012, u sal-lum aktar minn 13,530 persuna niżżluha fuq il-mowbajl tagħhom. L-*app* Malta Mass hija disponibbli b'xejn mill-App Store (Link: http://knisja.org/iOS) u mill-Play Store (Link: http://knisja.org/Android).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**